MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 154/2002/1

John u Laura konjugi Ransley
vs
Edward u Lydia konjugi Restall

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha ppremettew:

Peress illi fit-13 ta' Novembru 2000 ghall-habta tas-6.15 ta' filghodu, gewwa 21st September Avenue, Naxxar l-attrici sfat feruta gravement wara li ttajjret minn vettura tal-ghamla Tata Sierra numru ta' registrazzjoni EYE 005 misjuqa mill-konvenut.

Peress illi dan l-incident gara b'tort, negligenza, imperizja u nuqqas ta'osservanza tar-regoli tas-sewqan da parti tal-konvenut.

Peress illi bhala rizultat ta' dana kollu, l-attrici soffriet danni, attwali kif ukoll eventwali, oltre d-dizabilita` permanenti.

Peress illi minkejja interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attrici, il-konvenut baqa' inadempjenti.

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenuti kienu responsabbli ghall-incident li sehh fit-13 ta' Novembru 2000 gewwa 21st September Avenue, Naxxar, li fih l-attrici sfat feruta gravement, kif intqal fuq.

2. Tillikwida d-danni subiti mill-attrici okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu dik is-somma kif likwidata in linea ta' danni, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u dokumenti esibiti.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Edward u Lydia konjugi Restall li eccepew:

Illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li l-incident in kwistjoni sehh unikament tort ta' l-attrici Laura Ransley minhabba traskuragni u imperizja u nuqqas ta' '***proper lookout'*** da parti taghha meta hija qabdet u qasmet it-triq in kwistjoni u konsegwentement id-danni kellhom jigu sopportati minnha.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Laura Ransley fejn intqal li l-kaz taghha jikkoncerna incident stradali kawzat minhabba negligenza u traskuragni nuqqas ta' osservanza tar-regoli tat-traffiku tal-konvenut li fiha sofriet dizabilita` permanenti. Qalet li hi u l-habiba taghha Anne Attard kienu johorgu ghal mixja kuljum ghal diversi xhur u dejjem kienu jghaddu mill-istess rotta. Spjegat li dak inhar ta' l-incident, jigifieri fit-13 ta' Novembru 2000 hargu jimxu fis-sitta ta' fil-ghodu, u meta waslu biex jaqsmu 21st September Avenue, Naxxar, raw li ma kienx hemm karozzi ghaddejin fuq iz-zewg nahat tat-triq. Qalet li tiftakar b'mod car li x-xemx diga` kienet bdiet tiela, u fil-fatt dan kien gie konfermat aktar tard mad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili hekk kif jidher minn dokument a fol 25. Qalet li meta kienu qed jaqsmu t-triq, Anne imxiet quddiemha, u li meta Anne kienet diga` fuq il-bankina, u hi kienet kwazi waslet biex titla din il-bankina rat dell kbir, u ma kellhiex cans taghmel pass iehor meta hasset l-impatt qawwi u ntilfet minn sensiha. Ziedet tghid li meta giet lura f'sensiha kienet fl-emergenza ta' l-isptar San Luqa. Ziedet tghid li mill-ezamijiet li sarulha, irrizulta li hi sofriet ksur f'idha x-xellugija u diversi ksur f'sieqha l-leminija, hekk kif jidher mir-rapport tal-konsulent Ivan Esposito esebit a fol 32, u damet l-isptar mit-13 ta' Novembru 2000 sas-27 ta' Novembru 2000.

Inoltre dan, qalet li ghamlet sitt xhur toqghod ghand ommha peress li kienet qeghda f'wheel chair. Semmiet id-diversi spejjez li wehlet kawza tal-incident. Qalet li r-rizultati tat-testijiet medici ta' sieqha ma kinux qed jindikaw xi forma ta' progress, u f'Settembru 2001 kellha terga' tidhol l-isptar ghal operazzjoni ohra. Spjegat li minkejja l-

operazzjonijiet li ghamlet ftit ghamlet progress u baqghet timxi bil-karozzi.

Semmiet ukoll li qabel l-incident hija kienet tahdem il-Clover Holiday Complex il-Qawra fuq bazi full-time u kienet taqla LM81.90. Spjegat li hija ma tilfitx ix-xoghol ghax min kien jimpjegaha kien jigi minnha, henn ghaliha u baqa' jghaddilha x-xoghol.

In kontro-ezami qalet li hi ndunat biss bil-karozza ta' Mr. Restall meta laqatha. Qalet ukoll, li fil-hin ta' l-incident, kien hemm id-dawl naturali, ma kienx ghadu d-dlam u tiftakar dan, ghax kienet ghadha kif inbidlet is-siegha dak iz-zmien.

Gie prezentat affidavit ta' <u>John Ransley</u> fejn intqal li meta gara l-incident tal-mara tieghu Laura Ransley, huwa kien qed jistad u kien mar it-tifel tieghu jaghtih l-ahbar, u baqa' sejjer dritt l-isptar. Qal li meta mar l-isptar sab lill-mara tieghu tghajjat bl-ugigh peress li kienu qed jippruvaw jiddrittawlha saqajha, u jinfaxxawlha jdejha li kienet miksura wkoll. Qal li dik il-gurnata stess infurmawh li martu kellha taghmel zewg operazzjonijiet wahda f''sieqha u ohra f'idha. Semma li wara dawn l-operazzjonijiet hija kienet mugugha hafna.

Semma wkoll li kien mar l-Ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar biex jigbor l-iskecc ta' l-incident in kwistjoni, u nnota li bejn il-kontenut li hemm fl-istatement tal-Pulizija u d-diskors li Restall qallu fuq it-telefon, kienu totalment verzjonijiet differenti. Qal li hu kien avza lis-Surgent PS 38 dwar dan u rrisponda li hu ma jista' jaghmel xejn, u jekk is-Sur Restall huwa ragel ighid il-verita` meta jkun il-Qorti.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Anne Attard</u> fejn intqal li hija toqghod vicin Laura Ransley u kienu ta' kuljum jimxu flimkien kmieni fil-ghodu ghal xi sitt xhur. Qalet li dejjem kienu jghaddu mill-istess rotta. Ziedet tghid li dik il-gurnata tat-13 ta' Novembru 2000 ma tinsiha qatt. Spjegat li hi l-ewwel li qasmet it-triq u dan wara li raw li ma kienet gejja ebda karrozza, u Ransley rat li ma kien gej xejn ukoll, u meta qasmet it-triq kollha semghet brakes

qawwijin, u meta daret rat lil Laura Ransley ttir fl-ajru, tinzel fuq il-bonnet tal-karrozza, u mal-waqfa tal-karrozza rema' lil Laura ma l-art, madwar tmien metri 'l boghod minn fejn waqfet il-karrozza. Qalet li Laura baqghet mixhuta mal-art u bdew jingabru n-nies, u xi hadd cempel l-ambulanza li giet fuq il-post wara ftit minuti. Sadanittant, qalet li kien gie wkoll Dun Rene Vella u hija qaltlu li l-konvenut kien gej bi speed fenomenali u ghalhekk gara l-incident ghax ma setax japplika l-brakes fil-hin. Fil-fatt, qalet li l-brake marks kienu circa erbghin pied twal oltre l-fatt li Laura spiccat imtajra mill-karrozza erbgha u ghoxrin pied il-boghod.

In konto-ezami qalet li meta kienu ser jaqsmu t-triq hija harset lejn il-lemin u lejn ix-xellug, kif dejjem kienet taghmel u ma rat l-ebda karozza gejja u t-triq kienet bahh. Qalet li qasmet l-ewwel hi, mbaghad qasmet Laura, u meta daret lura u rat l-impatt ta' Ransley kienet diga fuq il-bankina, jigifieri diga kienet qasmet.

Dr. John Balend Senior Registrar f' St. Lukes Hospital fl-***orthopaedic section*** xehed li l-attrici sofriet griehi ta' natura permanenti ***per durata*** u ghadha qed thoss l-effetti taghhom u kellha taghmel zewg operazzjonijiet. Ghada zzappap u ghandha ugiegh f' sieqha. Kellha anke taghmel ***bone grafting***.

Xehed Saviour Porter, Senior Meteorological Officer fil-Malta International Airport u esebixxa dokument li minnu jirrizulta li x-xemx bdiet tiela' fis-6.09 a.m.. Ma kienx gie osservat nida.

Xehed Dr. Frederick Zammit Maempel u qal li Laura Ransley kienet dahlet l-isptar fit-13 ta' Novembru 2000 wara incident awtomobilistiku. Qal li hija kienet sofriet ksur fil-forearm tax-xellug fis-sens li kisret l-***alna***. Kisret ukoll il-***femur*** tal-lemin. Kellhom jghamlulha plate f'idejha u f'saqajha. Kompla ighid li fis-27 ta' Novembru giet illicenzjata mill-isptar, imbaghad bdew jarawha l-***out patients***, izda rrizulta li meta bdew jarawha hemmhekk, l-ghadma ta' sieqha ma kenitx ghaqdet. Semma li fis-7 ta' Settembru 2001, regghet iddahlet l-isptar u l-plate tnehhiet

minn sieqha u dahhlulha virga u anke ghamlulha ***bone grafting***.

Qal li hemm dokumentat li fid-19 ta' April 2002, seba' xhur wara t-tieni operazzjoni, l-ugigh naqsilha izda kienet ghadha qed timxi bil-krozzi, u kien proprju f'din id-data li ordnawlha biex tnehhi l-krozzi. Semma wkoll li hemm nota ta' Dr. Balend datata 13 ta' Gunju 2003 li jghid ir-rigel tal-lemin jista' jkun centimetru iqsar izda huwa difficli tkejlu minhabba kwistjoni ta' obezita`.

Xehed Dr. Ivan Esposito surgeon f' St. Lukes u qal li ezamina lil Laura Ransley kemm-il darba, u jiftakar sew li kien ra lil Laura dakinhar ta' l-incident u kienu ddecidew li jaghmlulha xi operazzjonijiet peress li kellha ksur fid-driegh tax-xellug u wkoll ksur fir-rigel tal-lemin.

Fir-rigward tad-dizabilita`, qal li meta kien ezaminaha qal li kellha 20 fil-mija dizabilita`, izda mbaghad wara l-interventi u aktar ma jghaddi z-zmien il-persentagg ta' dizabilita` jonqos, izda zied ighid li hija mhix ser terga' tigi normali u perfetta daqs kemm kienet, anke minhabba l-konsegwezi li huwa diga semma li hemm probabbilta` kbira li ssofri minnhom.

Xehed PS Paul Zahra li qal fit-13 ta' Novembru 2000, ghall-habta tas-sitta u ghoxrin ta' fil-ghodu, gew infurmati li kien hemm incident tat-traffiku fi vjal 21 ta' Settembru, Naxxar, u li kien hemm mara li kienet giet imtajra. Qal li meta marru fuq il-post, kien sar skizz ta' l-incident, fejn kien sab il-vettura EYE 005 u kif ukoll kien hemm vittma Laura Ransley, li kienet mixhuta ma' l-art hekk kif jidher fl-iskizz. Qal ukoll, li dakinhar huwa kien talab lill-persuna li sofriet l-incident isimha u n-numru ta' l-identita` u kien sema' l-verzjoni tas-sewwieq, kif ukoll ta' xhud li kienet mara li kienet qed tikkumpanja lil Laura Ransley, certa Anne Attard.

Semma li Restall kien qallu li kien tiela min-naha tal-Mosta lejn in-Naxxar, meta f'daqqa wahda hargu zewg nisa minn Triq it-Tuffieh li qasmu minn 21$^{st}$ September Avenue. Ix-xufier kien qallu li kien zamm brake biex jipprova

jevitahom, izda kien laqat wahda minnhom. Zied ighid li meta kellem lil Anne Attard, din qaltlu li huma kienu qasmu 21st September Avenue wara li kienu hargu minn Triq it-Truffieh wara li raw li mhux gejjin vetturi mill-ebda naha, u kif appena qasmu iktar minn nofs it-triq, dehret il-vettura EYE005 misjuqa b' velocita` eccessiva, u hi rnexxilha taqsam it-triq kollha filwaqt li Ransley giet milquta. Qal li aktar tard, kien mar l-isptar biex ikellem lil Laura Ransley izda hija kienet ghadha fi stat li ma tistax tiftakar x'gara.

Qal li mill-iskizz irrizulta li kien hemm ***brake marks*** ta' tlettax-il metru li kien kejjilhom huwa stess. Qal li l-persuna nstabet mixhuta fil-kantuniera u l-marka sewda li hemm fuq il-karrozza hija fejn hadet id-daqqa l-vittma. Dak in-nhar kien hemm in-nida mal-art. Semma li t-triq hija ghan-nizla u ghandek vizwali daqs pitch tal-football. Mir-rapport fol 401 jirrizulta li ***character of road*** huwa ***straight***, ***type of road*** huwa ***individed***, ***condition of surface*** huwa ***slippery*** u ***weather conditions*** huwa ***clear.***

Xehed Anthony Xuereb llum manager tal-kumpanija Tartarun Investments Ltd., u spjega li din il-kumpanija giet imwaqqfa biex topera l-kumpless Clover Holiday Compex. Qal li Laura Ransley hija kunsidrata bhala persuna importanti fix-xoghol ta' rutina ta' kuljum, u s-salarju gross taghha huwa ta' LM394.98 fix-xahar, u hija wkoll tinghata l-bonuses li hemm stipulati skond il-ligi. Qal ukoll li fiz-zmien li hija sofriet l-incident huwa ma kienx hemm izda jaf dan minghand id-diretturi ta' qabel. Kien hemm problemi kbar biex il-process tax-xoghol ikompli jimxi kif suppost. Zied ighid, li sal-gurnata tal-lum Laura Ransley ghadha ssofri minn ugiegh minhabba l-incident li kellha, u peress li m'ghandhiex mezz tat-trasport ikollu jwassalha xi hadd mill-kumpanija u sahansitra, xi tliet darbiet fil-gimgha titlaq qabel il-hin normali tax-xoghol.

Giet esebita mill-atturi kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li sabet lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident minhabba

speed u b’ hekk gie misjub hati ta’ sewqan b’ manijiera perikoluza, traskurata u bla kont.

Xehed Edward Restall li qal il-karozza li kien qed isuq dakinhar ta’ l-incident kienet jeep EYE005, li hija jeep b’horsepower ta’ dsatax. Semma li kien tiela’ t-triq ta’ 21st September Avenue, bid-dawl mixghul izda mhux bil-bright, u qal li kien ghaddej b’ velocita` ta’ erbghin (40) km fis-siegha u kien tiela bit-***third***. Zied ighid li f’hin minnhom, meta ra saqajn Mrs. Ransley, mill-ewwel ghafas il-***clutch*** u l-***brake*** biex iwaqqaf il-karozza. Zied jghid li kien fuq in-naha tax-xellug tat-triq u kkalkula li mill-anqas Ms. Ransley kienet il-boghod mill-vettura xi 2 metri. Dak il-hin kull ma ra kienu par saqajn weqfin. Il-karozza skidjat u zamm l-isteering b’idejh it-tnejn. Qal li kull ma ra hu li mal-impatt, il-body tal-karozza kaxkar lil Ms. Ransley. L-impatt kien fuq il-bonnet, in-naha ta’quddiem, in-naha tax-xellug, u ma' l-impatt, meta l-karozza waqfet, Ms. Ransley taret.

Sostna li kien ghadu d-dlam u l-fanali tat-triq kienu ghadhom mixghulin u semma li fir-rigward tas-sigar f’din it-triq dejjem kien hemm problema ghax kienu kbar u ffullati u ghalhekk ma jirriflettix id-dawl. Qal li ma kellux idea minn fejn kienu gejjin Ms. Ransley u l-habiba taghha, u hu kien ixxukjat hafna u l-habiba ta’ Ms. Ransley, Anne Attard bdiet tghidlu li hu kien gej b’velocita` kbira. Zied ighid li dakinhar kien hemm in-nida ma’ l-art, u wara kien induna li kien hemm ***brakemarks*** fuq in-naha ta’ wara tal-karozza.

In konto-ezami kkonferma li t-triq hija dritta. Wara li gie muri l-iskizz esebit a fol 26, qal li huwa kien tiela din it-triq u fuq l-iskizz immarka b’X fejn ra saqajn Ms. Ransley, u mmarka b’circu fuq il-bankina li jirrifletti fejn kienet il-habiba taghha. Imbaghad qal li l-punt X huwa fejn huwa kaxkar lil Mrs. Ransley, ghax huwa kien raha qabel, imma l-karozza ma waqfitx u kien hemm il-***brakemarks*** ta’ 13-il metru ghax kien hemm in-nida. Qal li x’ hin raha ma ddevjax ghax iffriza. Ma jafx kienx gej traffiku min-naha l-ohra tat-triq. Qal li d-distanza bejn Mrs. Ransley u l-bankina kienet ta’ zewg metri u qabel li din id-distanza

tammonta ghal tliet passi, u fir-rigward ta' kemm kienet boghod Mrs. Ransley meta lemahha, qal li ma jafx ezatt izda hemm il-***brakemarks*** li juru dan. Huwa kkonferma l-iskizz a fol 26. Qal li Mrs. Ransley tkaxkret minn ta' l-anqas ghal zewg metri izda sostna li ma kienx gej b' velocita` kbira.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***1. Responsabbilta` ghall-incident***

Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-13 ta' Novembru 2000 ghall-habta tas-6.15 a.m. fi Vjal 21 ta' Settembru, Naxxar, meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura Tata Sierra Jeep EYE 005 laqat lil Laura Ransley li kienet qed taqsam it-triq. L-imsemmija vettura kienet gejja mill-Mosta sejra fid-direzzjoni tan-Naxxar u irrizulta li mix-xhieda okulari hlief ghall-konvenut kollha jghidu li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet qed tinstaq b' velocita` eccessiva. Irrizulta li l-vettura li kienet qed tinsaq ghat-telgha halliet brake marks ta' 13-il metru. Mid-depozizzjoni tal-konvenut jirrizulta li hu ma rax lil Ransley hlief fl-ahhar istanti qabel ma gara l-incident (ghalkemm il-Qorti hi tal-fehma li biex il-konvenut ghamel ***brake marks*** ta' 13-il metru bil-fors li meta tqis it-***thinking distance*** u l-***braking distance*** ta' xi 25 metru li bil-velocita` li kien ghaddej biha bil-fors raha lill-attrici xi zewg sekondi qabel l-incident) u irrizulta li t-triq in kwistjoni hija wahda dritta, u li ghalkemm it-triq tinsab ghat-telgha l-inklinazzjoni taghha mhix tali li ma thallix lis-sewwieq jara persuna taqsam. Irrizulta li l-konvenut ma ha ebda azzjoni evaziva billi gibed lejn xi direzzjoni laterali. Irrizulta wkoll li ftit qabel l-incident Laura Ransley kienet akkompanjta minn Anne Attard li fil-fatt lahqet telghet il-bankina.

***2. Obbligi tal-Pedestrian***

Dwar il-pedestrian jinghad li dan ghandu juza l-massimu prudenza meta jigi biex jaqsam triq. L-artikoli 20 u 21 tal-Highway Code jghidu hekk:

"20. Always use subways, footbridges, pedestrian crossings or central refuges, where provided. Otherwise, cross the road where you have a clear view of the road both ways.

21. Before you cross, stop at the kerb, look right, look left, and look right again. Do not cross before the road is clear."

Il-***pedestrian*** suppost li jara vettura gejja ghax din ma taqax mis-sema. Ukoll fattur indikattiv dwar tort ta' ***pedestrian*** huwa meta jkun ghadu kif nizel il-bankina ghax jekk ikun kwazi qasam it-triq allura id-driver ikun kellu possibilta' kbira li jilhaq jarah. Li persuna tintlaqat vicin tal-bankina minn fejn tibda taqsam, hija indikattiva ta' distanza ravvicinata hafna ghall-karozza li ttajjarha. Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fl-ismijiet **Micallef George nomine vs Camenzuli Gordon** deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997].

***3. Obbligi tas-sewwieq***

Is-sewwieq ghandu jipprova jiehu azzjoni evasiva biex jevita li jolqot lill-Pedestrian u dan specjalment jekk ma jkunx qieghed isuq b'velocita` eccessiva. Apparti mill-azzjoni evasiva biex ma jolqotx il-pedestrian, normalment is-sewwieq jiehu azzjoni reattiva – u cioe` jaghfas il-brake meta jirrejalizza bil-presenza ta' persuna ohra quddiemu. Ghandu l-obbligu li jkollu dwal biz-zejjed, u aktar ma hemm vizwali limitata ghandu aktar ikollu velocita` moderata hafna. L-istess jinghad jekk it-triq ikollha kunfigurazzjoni li tillimita l-vizwali. Irid ma jeccedix il-massimu permess mill-ligi dwar velocita` u dan l-obbligu jizdied jekk ikun qieghed isuq vicin ta' xi skola, knisja, jew playing field. [Ara f'dan is-sens **George Micallef pro et noe v Gordon Camenzuli** deciza 7 ta' Ottubru, 1997 mill-Onor. Qorti tal-Appell Civili Superjuri.]

***3. Overspeeding***

Dwar overspeeding jinghad li spiss dan iwassal ghal:
"a self-inflicted incapacity" bir-rizultat li l-attur la gharaf jiffrena impunement u lanqas jigbed lejn ix-xellug tieghu biex jevita l-impatt mal-vettura tal-konvenut." [Ara **Christopher Ellul vs Simeon Gatt** deciza fid-9 ta' Settembru, 2000 mill-Qorti tal-Appell Civili [Inf].

Mid-depozizzjoni ta' Ransley, ma jirrizultax anqas li rat il-karozza wisq qabel l-incident anzi rrizulta li ratu fl-ahhar

nett u li bid-daqqa giet imkaxkra ghal certu distanza b' konsegwenza ta' diversi griehi fuq il-persuna ta' Ransley. Min-naha l-ohra huwa ferm stramb li Ransley suppost li qabel ma qasmet harset lejn iz-zewg nahat tat-triq kif inhi obbligata taghmel u ma ratx vettura Tata Jeep li hi ta' certu kobor ghaddejja b' velocita` zejda izda mhux tremenda u li wkoll ma semghetx il-hoss taghha gej f' hin relattivament kwiet u anqas semghet il-brejkijiet. Zgur li bid-daqqa Ransley giet mghollija ghal fuq il-bonnet tal-vettura. Minn dan kollu jidher car li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura b' manjiera perikoluza u traskurata specjalment in vista tal-fatt li kien qed jissupera l-velocita` massima permessa mil-ligi fl-abitat.

Il-Qorti ghalhekk tasal ghall-konkluzjoni li l-htija tal-incident kienet principalment tal-konvenut minhabba sewqan b' velocita` eccessiva u b' manjiera perikoluza senjatament il-fatt li kien qed isuq b' aktar milli suppost fl-abitat, tant li anqas kien kapaci jiehu azzjoni evaziva billi jigbed lateralment u jevita l-incident. Din kienet principalment ir-raguni tal-incident ghalkemm naturalment li kieku l-attrici kienet aktar attenta qabel ma qasmet u kienet aktar hafifa possibbilment l-incident seta' jitnaqqas mill-gravita` tieghu izda xorta wahda l-Qorti tqis li kien il-konvenut Edward Restall li kien principalment responsabbli ghall-incident u ghalhekk tqis ir-responsabbilta` tal-incident bhala 4/5 (erba' partijiet minn hamsa) tal-konvenut Restall u 1/5 (parti minn hamsa) tal-attrici Ransley. Ghalhekk tichad parzjalment l-eccezzjoni tal-istess konvenut li l-incident sehh unikament tort tal-attrici Laura Ransley minhabba traskuragni u imperizja taghha u nuqqas ta' ***proper lookout*** da parti tal-istess attrici. Ghall-istess raguni tilqa' l-ewwel talba attrici kif fuq imsemmi u tiddikjara lill-konvenut Edward Restall responsabbli ghall-incident li sehh fit-13 ta' Novembru 2000 fil-kwota ta' 4/5 (erba' partijiet minn hamsa).

Jinkombi ghalhekk fuq il-Qorti li tillikwida d-danni subiti mill-attrici. Dawn iridu jigu ezaminati taht zewg aspetti u cioe` dak ta' ***damnun emergens*** u ***lucrum cessans.***

## *4. Damnum Emergens*

Kawza ta' dan l-incident Laura Ransley kellha tiddahhal l-isptar fejn ghamlet zmien fl-imsemmi sptar u diversi interventi kirurgici u ***physiotherapy***. Ghamlet xi sitt xhur f' ***wheelchair*** u kellha bzonn kura kontinwa kif ukoll l-ghajnuna tal-***physiotherapist*** darbtejn fil-gimgha u sostniet li kellha thallas Lm240 ***physiotherapy*** oltre hlas lit-tabib kuranti (valur ta' Lm160) li kien imur darba fil-gimgha biex jaraha, kellha ggib aktar lis-seftura li swietilha Lm200. Ghalkemm ma gewx prodotti ricevuti ta' uhud minn dawn l-ammonti l-attrici kkonfermathom bil-gurament u semmiet xi Lm250 ohra spejjez oltre Lm940 li ssostni li r-ragel tilef minn overtime.

L-ammonti kollha relevanti u accettati huma:
Spiza tal-Professur Ivan Esposito Lm35
Telf ta' msielet
Lm100
Physiotherapist
LM240
Tabib
LM160
Spejjez fattiga
LM800
Vizita specjalisti LM85
Overtime mitluf mir-ragel
LM940
Telf ta' paga
LM4400 Ghalhekk it-total ilehhaq LM6760. Minn dan irid jitnaqqas 20% tal-htija kontributorja ghall-incident da parti tal-attrici.

***5. Lucrum Cessans***

Jirrizulta li l-attrici kellha 46 sena fid-data tal-incident u hija omm ta' zewgt itfal u qabel l-incident kienet tahdem gol-*holiday complex* Clover Holiday Complex tal-Qawra bhala segretarja deskritta bhala ***key person*** fix-xoghol ta' rutina ta' kuljum. Kellha salarju gross ta' Lm395 fix-xahar oltre ***bonuses*** skond il-ligi. L-ewwel sena kwazi ma setghet tahdem xejn u wara kellu jibghatilha x-xoghol id-dar.

***5a. Multiplier***

Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta’ likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta’ Dicembru, 1967. F’dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"chances and changes of life", b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

Izda il-figura uzata ghall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza Lambert vs Buttigieg deciza fit-18 ta’ April, 1963 kienet qalet:
"f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-3 ta’ Dicembru, 2004 intqal:
“Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-‘multiplier’ adottat mill-Qorti ta’ l-ewwel grad huwa piuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f’kawzi ghar-rizarciment ta’ danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-‘multiplier’ u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b’mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta’ telf ta’ qligh li dik il-persuna tbati ‘l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, s-subartikolu (2) tal-Artikolu

1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta' ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta' 'Buttler vs Heard' – b'dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala 'lucrum cessans' - jipprova jimprimi sens ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu."

Il-multiplier adoperat varja u kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15 il-sena fuq persuna ta' 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta' 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta' 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta' 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta' 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta' 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' Multiplier. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta' multiplier kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita' taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

L-attrici ssostni li la issa dhalna fl-Unjoni Ewropea wiehed irid iqis li l-hajja tax-xoghol tizdied sa 65. Izda s'issa ma hemm ebda ligi f'dan is-sens. Wara li l-qorti qieset dawn il-fatturi, inkluz l-eta' tal-attrici ta' 46 li tilhaq l-eta` tal-pensjoni ta' 61, tqis li ghandha tadopera multiplier ta' 15 ghal kaz in ezami.

***5b. Paga u gholi tal-hajja***

Spiss li l-Qrati uzaw il-paga minima fejn ma kienx facli li l-Qorti tasal biex tistabbilixxi xi figura ohra. Izda fil-kaz in ezami ghandna l-attrici li kienet qedgha taqla' salarju gross ta' Lm4748 fis-sena. Normalment il-paga minima nazzjonali titla' b'zewg liri fil-gimgha kull sena. Dan ifisser li kull sena il-paga kienet ser tizdied b'LM104 ghal 15-il sena [u jekk wiehed jiehu l-medja, dan ifisser il-medja tas-salarju prezenti (4748) u dak tal-ahhar salarju (1560 + 4748 = 6308 ) ossia 4748 + 6308 /2 = 5528] u jwassal ghal LM5528. Dan oltre l-awment tal-gholi tal-hajja li spiss jissupera ferm aktar l-awment tal-paga.

***5c. Disabilita`***

Mir-rapport mediku ta' Dr. Ivan Esposito [fol 32 sa 36 tal-process] jirrizulta` li d-disabilita` prezenti tal-attrici hija ta' madwar 20% ghalkemm semma kemm li jista' jkun hemm ***changes as her symptoms subside*** kif ukoll ***earlier onset of degenerative changes.*** Xehed [fol. 90] fid-29 ta' Settembru, 2003 u tkellem dwar l-interventi u li suppost d-disabilita` tonqos, izda tista' wkoll issofri diversi konsegwenzi, u kollox halla energy impact. Ghalhekk il-Qorti sejra toqghod fuq il-bazi ta' 20% bhala disabilita`.

***5d. Lump Sum Payment***

L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-lump sum payment b'ammont ekwivalenti ghal 5% meta jkunu ghaddew numru ta' snin mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-

kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta' dewmien. Gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza: "jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction" – **Agius vs Fenech** 29 ta' Ottubru, 2003.

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% gie imnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-OTT-2003, 5% f'**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f'**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

Izda ghal kaz in ezami din ma tantx hi problema ghax l-incident gara fit-13 ta' Novembru 2000 u s-sentenza qedgha tinghata erba' snin u nofs wara. Fil-fehma tal-Qorti jrid ikun hemm tnaqqis ta' 15%.

***5e. Kunsiderazzjonijiet ohra***

Kunsiderazzjonijiet ohra ta' dan it-tip ta' kawzi bhal kuncett tal-konsum personali, u tad-***dependency issue*** ma humiex applikabbli ghal dan il-kaz.

***5f. Likwidazzjoni tal-ammont ta' lucrum cessans***

Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

I. Il-qliegh medju annwali tal-attrici inkluz l-gholi tal-hajja tammonta ghal LM5528;

II. jrid jitqies multiplier ta' 15. Dan igib l-ammont ta' LM82920;

III. il-qorti trid tqis il-grad ta' disabilita` li f'dan il-kaz hu ta' 20% u ghalhekk jammonta ghal ossia LM16584;

IV. wara jrid jitnaqqas 15% tal-lump sum payment u dan iwassal ghal LM14096;

V. min dan irid jitnaqqas tal-htija kontributorja tal-attrici [20%] li jwassal ghall-ammont ta' LM11277;

VI. ma' dan irid jizdied l-ammont ta' ***damnum emergens*** ta' LM 6760 u dan iwassal it-total ghal LM18037.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

L-eccezzjonijiet tal-konvenuti gja gew michuda.

L-atturi wara li talbu d-dikjarazzjoni tal-konvenuti bhala responsabbli ghall-incident li sehh fit-13 ta' Novembru 2000 gewwa 21st September Avenue, Naxxar, li fih l-attrici sfat feruta gravament, liema talba giet milqugha fuq sa erba' kwinti [4/5] talbu l-likwidazzjoni tal-istess danni subiti mill-attrici. Dawn gew hawn fuq likwidati fl-ammont ta' LM18037 [tmintax-il elf u sebgha w tletin lira].

Ukoll il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma kif likwidata ta' LM18037.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet mil-lum kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------